

32001L0101

28.11.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 310/19

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/101/KE
tas-26 ta' Novembru 2001**

li temenda d-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, u, partikolarment, it-tieni paragrafu ta' l-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/23/KE⁽³⁾, fiha definizzjoni tal-laħam li kienet imħejjija għall-iskopijiet ta' l-iġjene u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Din id-definizzjoni tkopri l-partijiet kollha ta' l-annimali li huma tajbin għall-konsum uman. Din ma tikkorrispondix, b'dana kollu, għal perċezzjoni tal-konsumatur dwar il-laħam u ma tinformax lill-konsumatur rigward in-natura vera tal-prodott disinjat bit-terminu "laħam".
- (2) Diversi Stati Membri adottaw definizzjoni tar-terminu "laħam" għall-ittikkettjar tal-prodotti li jkun fihom il-laħam. B'dana kollu, id-diversità tar-resqien nazzjonali wasslet għal diffikultajiet li affettwaw ħażin l-operazzjoni tas-suq intern u għamluha meħtieġa li tkun imħejjija definizzjoni armonizzata.
- (3) L-Anness I tad-Direttiva 2000/13/KE jiddifferenxja ċerti kategoriji ta' l-ingredjenti li jistgħu jkun disinjati bl-isem tal-kategorija pjuttost milli bl-isem speċifiku ta' l-ingredjenti li huma meqjusa biex ikunu inklużi fil-lista ta' l-ingredjenti.
- (4) Il-kategorija "laħam" mhix definita f'dak l-Anness, li toħloq diffikultajiet fl-implementazzjoni tad-Direttiva 2000/13/KE, l-aktar f'dak li jirrigwardja l-indikazzjoni fil-lista ta' l-ingredjenti u d-dikjarazzjoni kwantitattiva ta' l-ingredjenti. Hemm heħtieġa, għalhekk, għal definizzjoni armonizzata li tkun tikkorrispondi ma l-isem tal-kategorija "... laħam" sabiex tkun applikata d-Direttiva 2000/13/KE.
- (5) In vista tad-dritt tal-konsumaturi li jkunu informati sewwa u kjarament hekk li jkunu jistgħu jagħżlu dak li jieklu u

jistudjaw id-differenzi fil-prezzijiet tal-bejgħ, l-isem tal-ispeċje użat għandu jkun element tar-referenza fil-kategorija ta' l-isem.

- (6) Id-definizzjoni tapplika esklussivament għall-ittikkettjar ta' prodotti li jkun fihom il-laħam u xi ingredjent. Ma tkunx tapplika, b'dana kollu, għall-ittikkettjar ta' qatgħat tal-laħam u l-partijiet anatomiċi li huma mibjugħa mingħajr aktar proċessar.
- (7) Il-laħam rekoverat mekkanikament jiddifferenxja sinifikament minn "laħam" kif perċepit mill-konsumaturi. Għandu għalhekk ikun eskluż mill-iskop tad-definizzjoni.
- (8) Konsegwentament, dan għandu jkun iddenominat bl-isem speċifiku tiegħu, "laħam mekkanikament rekoverat", u bl-isem tal-ispeċje, b'konformità mar-regola stabbilita fl-Artikolu 6(6) tad-Direttiva 2000/13/KE. Din ir-regola tal-ittikkettjar tapplika għall-prodotti koperti bid-definizzjoni tal-Komunità ta' "laħam mekkanikament rikoverat".
- (9) Partijiet oħrajn ta' l-Annimali li huma tajbin għall-konsum uman imma li ma jidħlux fid-definizzjoni tat-terminu "laħam" għall-iskopijiet tal-ittikkettjar għandhom ukoll ikunu disinjati bl-isem speċifiku tagħhom bi qbil ma l-istess prinċipju.
- (10) Sabiex ikun iddeterminat il-kontenut ta' "laħam" tal-prodotti b'manjera uniformi, il-limiti massimi għandhom ikunu stabbiliti għal dak ix-xaħam u l-insiġ taċ-ċelloli konnettivi ta' prodotti li jistgħu jkunu disinjati bl-isem tal-kategorija "... laħam". Dawn il-limiti huma mingħajr pre-ġudizju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw il-laħam kappuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE tal-14 ta' Diċembru 1994 li tistabbilixxi l-ħtieġiet dwar il-produttjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam kappuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam⁽⁴⁾.
- (11) Jekk dawn il-limiti massimi ma jkunux misbuqa, imma l-kriterji l-oħrajn kollha tad-definizzjoni "laħam" huma sodisfatti, il-kontenut tal- "... laħam" għandu jkun aġġustat 'l isfel kif xieraq, u l-lista ta' l-ingredjenti għandha ssemmi, b'żieda mat-terminu "... laħam", il-preżenza ta' xaħam u/jew insiġ taċ-ċelloli konnettivi.
- (12) Jidher ukoll li huwa meħtieġ li jkun stabbilit metodu armonizzat għad-determinazzjoni tal-kontenut tal-insiġ taċ-ċelloli konnettivi.

⁽¹⁾ ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.

⁽²⁾ Edizzjoni Speċjali Ingliża, 1963-64 (II), p. 175.

⁽³⁾ ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 7.

⁽⁴⁾ ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 10.

(13) Id-Direttiva 2000/13/KE għandha għalhekk tkun emendat kif xieraq,

Artikolu 3

(14) il-miżuri li hemm provediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ikel,

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002. Huma għandhom immedjetament jinformat b'dan lill-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Id-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din.

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2000/13/KEE huwa emendat bi qbil mat-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-20 jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri huwa awtorizzati li jikkummerċjalizzaw il-prodotti li huma f'konformità mad-Direttiva 2000/13/KE, kif emendata b'din id-Direttiva, sal-31 ta' Diċembru 2002 l-aktar tard.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, b'effett mill-1 ta' Jannar 2003, kummerċ fil-prodotti li ma jkunux konformi mad-Direttiva 2000/13/KE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 2001.

B'dana kollu, il-prodotti li ma humiex konformi mad-Direttiva u li kellhom it-tikketti qabel l-1 ta' Jannar 2003 għandhom ikunu awtorizzati sa kemm jinhlaw il-ħażniet.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Fl-Annes I tad-Direttiva 2000/13/KE, it-test li ġej huwa miżjud:

"Definizzjoni

Denominazzjoni

(**) Muskoli skeletali tal-ispeċje tal-mammali u ta' l-għasafar rikonoxxuti bħala tajbin għall-konsum uman bl-inklużjoni naturali jew bit-twaħħil ta' nsiġ taċ-ċelloli, meta l-kontenut total tax-xaħam u ċ-ċelloli konnessivi ma jkunx jeċċedi l-valuri indikati hawn taħt u meta l-laħam jikkostitwixxi ingredjent ta' oġġett ieħor ta' l-ikel. Il-prodotti koperti bid-definizzjoni tal-Komunità ta' 'laħam mekkanikament rikoverat' huma esklużi minn din id-definizzjoni.

'... laħam' u l-isem (ismijiet) ta' l-ispeċje ta' l-annimali li minnhom ikun ġej. (*)

Ix-xaħam massimu u bl-insiġ taċ-ċelloli konnettivi għall-ingredjenti innominati bit-terminu bħala '...laħam'.

Speċje	Xaħam (%)	I-insiġ taċ-ċelloli konnettivi (*)
Mammali (apparti milli fniek u porċini) u taħlitiet ta' speċje bil-predominazzjoni tal-mammali	25	25
Porċini	30	25 Ghasafarufniek
	15	10

(*) (Il-kontenut ta' l-insiġ taċ-ċelloli konnettivi huwa kkalkolat fuq il-bażi tar-relattività bejn il-kontenut tal-kollaġen u l-kontenut tal-proteini tal-laħam. Il-kontenut tal-kollaġen ifisser il-kontenut idroksiprolin immultiplikata bil-fattur ta' 8.

Jekk dawn il-limiti massimi jkunu misbuqa, imma l-kriteji l-oħrajn kollha għad-definizzjoni tal-laħam ikunu sodisfatti, il-kontenut '...laħam' għandu jkun aġġustat 'l isfel kif xieraq u l-lista ta' l-ingredjenti għandha ssemmi b'żieda mat-terminu. '...laħam', il-preżenza ta' xaħam u/jew l-insiġ taċ-ċelloli konnettivi.

(*) Għall-ittikkettjar bl-Ingliż din id-denominazzjoni tista tkun mibdula bl-isem ġeneriku ta' l-ingredjent għall-ispeċje ta' l-annimal(i) kkonċernati

(**) Id-dijaframma u l-muskolu tal-magħad huma parti mill-muskoli skelitali, waqt li l-qalb, l-ilsien, il-muskoli tar-ras (apparti milli l-muskolu tal-magħad), il-muskoli tal-karpu, it-tarsu u d-demb huma esklużi